MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 271/2014

**Mark Anthony Portelli**
**(ID 535880M)**

**Vs**

**Brian Bellotti**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta’ April, 2014 fejn l-attur talab tiddikjara l-konvenut debitur ta’ l-attur, u konsegwentament tikkundanna l-istess konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta’ elf u hames mitt ewro (€1,500), rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta mill-istess konvenut fuq bejgh ta’ vettura tat-tip Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni HAW-094 liema ammont baqa’ ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra Ufficjali Ezekuttiva Nru 490/14, u l-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju li ppreceda dan l-att, u bl-imghax legali mit-13 ta’ Marzu, 2014 kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat pprezenta risposta fl-1 ta' Lulju, 2014 fejn eccepixxa illi t-talba tal-attur hija infondata u ghalhekk ghandha tigi michuda minn dan l-Onorabbli Tribunal stante li s-somma msemmija elf u hames mitt ewro (€1,500) fit-talba tal-attur, mhiex dovuta lill-istess attur.

Illi l-vettura tat-tip Toyota (Nru HAW-094), imsemmija mill-attur, kienet giet imhallsa meta nxtrat mill-konvenut.

Ghaldaqstant, il-konvenut jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jididkjara li l-konvenut Brian Bellotti, mhux debitur tal-attur peress lid an diga hallas kull ma kellu jaghti lill-istess attur.

Bl-ispejjez.

Fis-17 ta' Lulju, 2014 giet pprezentata nota korrettorja fejn il-konvenut issostitwixxa l-eccezzjonijiet l-eccezzjonijiet u minflokk eccepixxa :

1. Illi l-ewwel u qabel kollox l-attur ghandu jipprova l-interess guridiku tieghu biex jipproponi l-kawza odjerna;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur ghandu jkoll jipprova li effettivament l-vettura minnu citatata giet mibjugha lill-eccipjent u ghandu wkoll jipprova l-prezz pattwit tal-allegat biegh u anke li tali prezz ma thallasx fl-intier tieghu b'mod jew iehor, jew bi flus jew bi tpacija;
3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jipprova li l-allegat kreditu tieghu ma huwiex preskritt skond il-ligi;
4. Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan hekk kif jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza odjerna;
5. Ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Din il-kawza tirrigwarda bejgh ta' vettura mill-attur lil konvenut bl-allegazzjoni li l-konvenut baqa' ma hallasx l-ammont dovut mill-attur.

Xehed l-attur fejn spjega illi kien talab l-ammont ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) ghal vettura pero nizel ghal elfejn u disa' mitt ewro (€2,900) u bieghha

lil konvenut. Pero’ gara illi l-konvenut hallas biss elfejn ewro (2,000) ghal din il-vettura u ghalhekk peress illi l-konvenut ma zammx kelmtu minkejja li l-attur minn tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) ghal elfejn u disa’ mitt ewro (€2,900) imma mhux qed jitlob disa’ mitt ewro (€900) imma elf u hames mitt ewro (€1,500). Qal ukoll illi mieghu kellu lil certu Paul Balzan li jaf bl-ammont ta` kemm inbieghet il-vettura. Pero` dan ix-xhud xehed illi ma kienx jaf il-prezz izda kien biss prezenti ghal firma tal-log book.

Xehdu l-persuni li xtraw il-vettura minghajr il-konvenut fejn spjegaw illi l-vettura kienet ghadha tghajjat lill-attur u kien hemm xi citazzjonijiet x’jithallsu. Filfatt l-attur mar u kkonkluda t-transfer billi taghhom kopja tal-karta tal-identita u hallas ic-citazzjonijiet. Fl-ebda moment dawn ix-xhieda ma semmew illi l-attur ilmenta li kien ghad fadallu x’jithallas fuq il-vettura.

Xehed il-konvenut fejn spjega illi l-ammont mifthiem kien ta’ elfejn u tmien mitt ewro (€2,800) li minnhom naqas tlett mitt ewro (€300) minhabba hsarat. Dan l-ammont hallsu kollu. Spjega illi l-attur kien iffirma l-log book pero ma tahx kopja tal-karta tal-identita. Hu ma kienx iffirma l-log book. Sussegwentament kien biegh il-vettura u ghat-transfer mas-sid il-gdid kien mar l-attur.

In vista ta’ dawn il-provi it-Tribunal ma ngabitx quddiema l-prova neccessarja mill-attur biex jipprova li kien ghad fadallu jithallas fuq il-vettura. In-nuqqas ta’ skrittura bejn il-partijiet li fadal bilanc u anke il-fatt li gie ffirmat it-transfer u sahansitra l-attur mar mas-sid il-gdid u wara l-konvenut biex jaffetwa it-transfer u qatt ma tkellmu fuq bilanc ma dan il-persuna, jnizzel dubju quddiem it-Tribunal kemm verament jezisti dan il-bilanc. Lanqas il-persuna imtella bhala xhud tal-attur u cioe Paul Balzan ma kkaraboratx l-ammont miftiehem fuq il-vettura ghaliex qal li ma kienx jaf il-prezz.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jichad it-talba tal-attur u jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-attur.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------